MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru 1007/2012

Il-Pulizija
(Spettur Robert Said Sarreo)
vs
Carmelo Mercieca

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 245169 (M);

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Sa mill-1 ta' Jannar 2011, gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 116.47 Euros ( mija u sittax il-Euro, u sebgha u erbghin centezmu) ghad-dannu ta' Therese Calleja, Melita Cable plc u/jew persuni ohra u aktar talli;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' ogetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamelt uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Il-fatti ta' dan il-kaz huma spjegati fl-istqarrija tal-imputat fejn huwa amemtta li kien ghamel il-firma ta' sid il-fond li mingahndu kien qed jiki sabiex jottjeni servizzi tat-televizjoni permezz tal-Melita Cable.

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu, ssibu hati; rat l-Artikolu 309, 167, 184 u 17 tal-Kap 9.

Tilliberah ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal xmien xahar millum u ai termini tal-Artikolu 24 tal-istess Kap tordnalu li fl-istess zmien ihallas il-kont minnu dovut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------